# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-5 ta' Dicembru, 2017.**

**Rikors Numru 153/2013 SM**

**Mark Muscat**
**(409077 M)**

**vs.**

***HSBC Bank Malta plc***
**(C-3177)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-15 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu ir-rikorrenti fuq indikat sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi hu impjegat bhala *“Private Claims Manager”* fil-grad to A24C mal-Bank intimat, (ara foll 1):

1.2. Illi hu membru tal-*Malta Union of Bank Employees*, minn issa ’l quddiem (MUBE), liema *union* tirraprezenta lill-impjegati klerikali u manigerjali tal-Bank intimat;

1.3. Illi ghandu l-kariga ta’ rapprezentant tal-imsemmija *union* ghad-dipartiment tal-*“Wealth Management”* tal-istess Bank u ufficjal fuq il-*Group Committee* tal-istess *union*;

1.4. Illi fil-kors ta’ tilwima industrijali, fl-24 ta’ Settembru, 2012, l-*union de quo* ordnat *“strike”* tal-impjegati tal-HSBC tat-taqsima tal-*“Wealth Management”*;

1.5. Illi l-MUBE anke hadet azzjonijiet kontra l-Bank intimat *stante* li dan kien qed jhedded li unilateralment ibiddel il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tat-taqsima indikata fil-paragrafu precedenti, u jkecci xi impjegati, dan kollu bi ksur tal-ftehim kollettiv;

1.6. Illi bhala ufficjal tal-*“union”* meta gie ordnat l-imsemmi *“strike”* hu hareg mill-post tax-xoghol;

1.7. Illi bi zvista, meta ghamel hekk, halla l-basket fil-garaxx tal-Bank intimat;

1.8. Illi kien biss, meta irritorna lura ghax-xoghol, gimghatejn wara, li induna x’kien gara;

1.9. Illi allura mill-ewwel informa lis-superjuri tieghu bl-akkadut;

1.10. Illi dan kien ikkonfermat meta gew ezaminati l-*cameras* tas-sigurta`;

1.11. Illi l-Bank intimat pero` isosstni li m’ghandux il-filmat ta’ x’gara wara mill-basket tieghu;

1.12. Illi l-Bank *de quo* beda proceduri dixxiplinari kontra r-rikorrenti fuq allegazzjoni ta’ negligenza u ksur ta’ proceduri tal-bank;

1.13. Illi l-Bank intimat jaf li hu kien qed jagixxi skont il-prattika tad-dipartiment;

1.14. Illi l-istess proceduri mehuda mill-bank *de quo* fil-konfront tieghu ttiehdu in *mala fede* bi ksur tal-ftehim kollettiv u bi tpattija mhabba l-funzjoni tieghu fl-azzjoni industrijali fuq riferita;

1.15. Illi l-bank *de quo* gia` iddecieda li hu m'ghandux jirritorna ghax-xoghol u allura, ippregudikaw kwalunkwe process ta' dixxiplina fil-konfront tieghu;

1.16. Illi bhala ufficjal tal-MUBE igawdi immunita` taht il-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 452) u ghalhekk ma jistghux jittiehdu proceduri dixxiplinari kontra tieghu fir-rigward;

1.17. Illi gia` gie ordnat mandat t'inibizzjoni kontra l-bank *de quo* li permezz tieghu l-istess bank kien impedut milli jkecci mix-xoghol jew milli jkompli bil-process ta' dixxiplina jew b'xi mod jikkastigah;

1.18. Illi *nonostante* dan, il-bank intimat zamm lir-rikorrenti milli jirritorna lura ghax-xoghol fil-*"Private Clients Department"* fil-*"Wealth Management Section"*;

1.19. Ghaldaqstant adixxa din il-qorti biex il-Bank intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.19.1. Tiddikjara li bhala ufficjal tal-MUBE igawdi immunita` taht il-Kap 452 dwar l-incident li sehh fl-24 ta' Settembru, 2012;

1.19.2. Tiddikjara li l-azzjoni dixxiplinari mehuda kontra tieghu l-Bank agixxa in *mala fede* bi ksur tal-ligi tal-ftehim kollettiv vigenti;

1.19.3. Tordna t-twaqqif tal-azzjoni dixxiplinari inizjata mill-bank *de quo* kontra tieghu;

1.19.4. Tordna r-rientegrazzjoni tieghu fil-posizzjoni li kellu fil-*“Private Claims Department”*;

1.19.5. Tiddikjara li l-azzjoni tal-bank fir-rigward ikkagunatlu danni ingenti;

1.19.6. Tillikwida l-istess danni;

1.19.7. Tikkundanna lill-bank *de quo* ihallas id-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;

1.19.8. Bl-ispejjez kontra l-bank intimat;

2. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta’ Frar, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 5);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-18 ta’ Marzu, 2013, li permezz taghha l-bank intimat irrisponda sintetikament bil-mod segwenti, (ara foll 9);

3.1. Illi preliminarjament din il-qorti hi inkompetenti *ratione materiae*;

3.2. Illi l-fatti indikati fl-ewwel (1), fit tieni (2) paragrafu, u fl-ewwel hames (5) linji tat-tielet (3) paragrafu tar-rikors guramentat promotur mhumiex ikkontestati, (ara foll 1);

3.3. Illi l-allegazzjoni li l-bank ser unilateralment jibdel il-kundizzjoni tal-impjieg u jkecci xi impjegati mit-taqsima involuta hi kontestata bil-qawwa;

3.4. Illi r-raba (4) u l-hames (5) paragrafi tal-istess rikors promotur huma kontestati, (ara foll 1), *stante* li mhux deskritti korrettement billi bi ksur ta’ diversi klawsoli dwar sigurta` r-rikorrenti hareg minn fuq il-post tax-xoghol dokumenti li kellhom informazzjoni konfidenzjali b’dannu ghar-reputazzjoni tal-bank u tal-istess rikorrenti;

3.5. Illi s-sitt (6) paragrafu tal-istess rikors, (ara foll 2) hu wkoll ikkontestat billi ma sar xejn in *mala fede* fil-konfront tar-rikorrenti;

3.6. Illi l-procedura dixxiplinari inizjata kontra r-rikorrenti hi wahda indipendenti u estranea ghat-tilwima industrijali, u l-fatt li l-akkadut gara waqt *strike* hu incidentali;

3.7. Illi l-bank dejjem mexa in *buona fede* u skont il-ligi u l-ftehim kollettiv;

3.8. Illi s-seba' (7) pargrafu tar-rikors in dizamina, (ara foll 2), hu wkoll kontestat billi mhux minnu li r-rikorrenti igawdi minn xi immunita`;

3.9. Illi rigward il-paragrafu tmienja (8) tar-rikors *de quo*, (ara foll 2), il-bank intimat ma jissolleva l-ebda kontestazzjoni izda, jirrizerva d-drittijiet tieghu fil-konfront tal-mandat t'inibizzjoni *de quo*, (ara foll 10 u 11);

3.10. Illi d-disa' (9) paragrafu tar-rikors de quo (ara foll 2), hu ikkontestat *stante* li l-bank intimat ma kisirx il-kundizzjonijiet tal-mandat in dizamina;

3.11. Illi konsegwentement:

3.11.1. It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.11.2. Illi l-istess talbiet ghandhom jigu respinti;

3.11.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat id-digriet taghha datat it-28 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 526);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-12 ta' Mejju, 2017, (ara foll 531), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-bank intimat datata l-14 ta' Gunju, 2017, (ara foll 544);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

8. Tirrileva li ghalkemm l-udjenza tat-22 ta' Gunju, 2017, kienet rizervata ghat-trattazzjoni orali finali, l-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti, ghalkemm imsejjah diversi drabi ma deherx, (ara foll 556);

9. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-bank intimat datat it-22 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu informa lill-qorti li kien qed jistrieh fuq in-nota minnu pprezentata, (ara foll 556);

Ikkunsidrat:

10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

10.1. Illi r-rikorrenti kien impjegat bhala *"Private Claims Manager"* mal-bank intimat, (ara foll 283);

10.2. Illi l-istess rikorrenti hu wkoll membru tal-*"Malta Union of Bank Employees"* u kien ir-rapprezentant tal-istess *"union"* fid-dipartiment tal-*"Wealth Management"* fi hdan l-istess bank intimat, (ara foll 283);

10.3. Illi fit-12 t'Ottubru, 2012, ir-rikorrenti informa lill-bank intimat li kien tilef il-bagalja tieghu meta fl-24 ta' Settembru, 2012, wara li l-MUBE kienet ordnat azzjoni industrijali fis-sezzjoni partikolari tar-rikorrenti, u hu kien gie biex johrog mill-bank fejn kien, (ara foll 99 u 285);

10.4. Illi fl-istess bagalja r-rikorrenti kellu lista' tal-klijenti tieghu flimkien ma informazzjoni delikata tal-istess *stante* li dawn kienu allaccjati mar-rikorrenti fil-kapacita` tieghu ta' *"Private Clients Manager"* mal-bank intimat, (ara foll 285);

10.5. Illi r-rikorrenti jsostni li fil-mument li kien hiereg mill-bank ma siehbu, kien mifxul, u kien biss fil-11 t'Ottubru, 2012, li nduna li kien halla l-bagalja tieghu fil-garaxx tal-istess bank, (ara foll 285 u 99);

10.6. Illi originarjament ir-rikorrenti kien haseb li kien halla l-bagalja in kwistjoni fl-ufficju tieghu fuq ix-xoghol, pero` dan irrizulta li ma kienx il-kaz, (ara foll 285);

10.7. Illi minn ezami tal-kamera tas-sigurta` tal-garaxx tal-bank intimat fejn kienet ipparkjata il-karozza tieghu jirrizulta li r-rikorrenti jidher bil-bagalja mieghu, izda sussegwentement il-bagalja ma dehritx aktar, (ara foll 100);

10.8. Illi minn kopji ta' ritratti mill-filmat tal-kamera tas-sigurta` *de quo* jirrizulta li r-rikorrenti jidher bil-bagalja f'idejh, (ara foll 105), u aktar tard l-istess bagalja ma tidhirx, (ara foll 106);

10.9. Illi in vista tal-fatt li r-rikorrenti tilef il-bagalja li fiha kellu informazzjoni sensittiva hafna rigwardanti l-klijenti tieghu, il-bank intimat inizja proceduri dixxiplinari fil-konfront tieghu li sussegwentement twaqqfu pendenti procedura ta' mandat t'inibizzjoni inizjata mir-rikorrenti fir-rigward, (ara foll 285 u 12);

Ikkunsidrat:

11. Illi essenzjalment din il-procedura tippernja dwar il-fatt jekk il-bank intimat kellux id-dritt li jiehu passi dixxiplinari fil-konfront tar-rikorrenti wara li dan tilef il-bagalja tieghu kontenenti informazzjoni privata u sensittiva, fi zmien meta l-impjegati tal-istess bank kienu qeghdin f'tilwima industrijali mal-istess bank;

Ikkunsidrat:

12. Illi mill-provi kospikwi prodotti jirrizulta li dakinhar tal-istrajk ir-rikorrenti ma kienx ordnat – la mill-bank intimat, u lanqas mill-

ghaqda trejdunjostistika tieghu – illi jkollu l-bagalja tieghu mieghu;

13. Illi ghalhekk ma jirrizulta li hemm l-ebda ness fir-rigward meta r-rikorrenti jsosstni li meta hu tilef l-informazzjoni in dizamina hu kien qieghed jagixxi taht id-direttiva mahruga mill-*MUBE*;

14. Illi fih innifshu, il-fatt li r-rikorrenti jkollu l-bagalja mieghu mhux ekwivalenti ghal xi att intiz biex ikun wiehed li jkun in kontemplazzjoni jew fl-avvanz ta' tilwima industrijali;

15. Illi konsegwentement, l-immunita` prospettata u mitluba mir-rikorrenti mhix applikabbli *stante* li c-cirkostanzi in dizamina mertu tal-ezami odjern ma jaqghux fl-ambitu u fil-limiti ta' direttivi legittimi ta' trejdunjon;

16. Illi in vista tal-istess, ghandu ghalhekk ikun pacifiku li l-artiklu 63 tal-Kap 452 li fuqu jistrieh ir-rikorrenti, senjatament li l-azzjoni kollha tieghu in dizamina hi protetta minn kull azzjoni *stante* li dan l-artiklu jipprospetta l-helsien tat-trejdunjon minn kawzi dwar ghemil ta' hsara, mhux applikabbli ghac-cirkostanzi in dizamina;

17. Illi *di piu`*, il-bank intimat ipprezenta numru ta' dokumenti li juru d-disposizzjonijiet ta' manwali u direttivi mahruga mill-istess bank li l-intimat jirrizulta li kiser meta hu hareg fil-bagalja dik l-informazzjoni sensittiva li hu kellu fil-kustodja tieghu, (ara foll 14 sa 55), senjatament:

> "Management **must prohibit** information handling outside of HSBC premises where the risk is considered to be unacceptable, cannot be appropriately managed, or where more secure alternatives are available", (ara foll 15 emfasi tal-qorti);

18. Illi l-istess konkluzjoni tirrizulta riportata fir-Rapport Investigattiv redatt mill-bank intimat, (ara foll 98 sa 102);

Ikkunsidrat:

19. Illi in effetti jirrizulta assodat li r-rikorrenti verament hareg mill-bini tas-socjeta` intimata bil-lista tal-klijenti tieghu minghajr ma kellu l-ebda permess biex jaghmel dan mis-superjuri tieghu;

20. Illi ghandu jkun pacifiku li tali azzjoni kienet tassew bi pregudizzju tal-bank intimat meta jigi ikkunsidrat il-fatt li l-informazzjoni in dizamina hi tassew privata u sensittiva;

Ikkunsidrat:

21. Illi in vista tas-suespost, ghandu wkoll jirrizulta pacifiku li l-bank intimat kien gustifikat li jintroduci passi dixxiplinari a bazi tal-istatuti u tar-regolamenti tieghu fil-konfront tar-rikorrenti;

22. Illi jirrizulta li meta l-bank intimat hareg l-imputazzjoni dixxiplinari tieghu fil-konfront tar-rikorrenti, hu ghamel dan in linea mal-ftehim kollettiv, (ara *"Disciplinary Proceedings involving Local Regulatory Compliance Duties"* foll 56);

23. Illi konsegwentement, meta sussegwentement il-bank intimat issosspenda lir-rikorrenti mill-impjieg tieghu bil-paga shiha lilhu dovuta f'dak il-perjodu, u b'*bonus* medju moghti lil shabu li kienu ghadhom imorru ghax-xoghol, l-istess azzjoni hekk mehuda kienet ukoll in linea mal-istess ftehim kollettiv fuq riferit;

Ikkunsidrat:

24. Illi jigi rilevat li immedjatament li l-bank intimat inizja l-azzjoni amministrattiva tieghu fit-termini tal-ftehim kollettiv fuq riferit, ir-rikorrenti talab u ottjena l-hrug ta' mandat t'inibizzjoni, - Rikors Numru 42/13 – li permezz tieghu l-imsemmi bank kien inibit milli jkompli bil-passi dixxiplinarji minnu inizzjati kontra r-rikorrenti sakemm tigi deciza l-procedura odjerna;

25. Illi l-bank intimat immedjatament ikkonforma ruhhu mal-imsemmi mandat t'inibizzjoni u issosspenda l-proceduri dixxiplinari minnu inizzjati fil-konfront tar-rikorrenti;

26. Illi konsegwenza naturali tal-istess hu l-fatt li rizultat tal-mandat fuq riferit, u tal-azzjoni odjerna mieghu konnessa, l-proceduri dixxiplinari inizzjati fil-konfront tar-rikorrenti ittawwlu b'mod inkonsiderat u kontra l-ispirtu tal-ftehim kollettiv;

Ikkunsidrat:

27. Illi r-rikorrenti jallega wkoll li meta gie deciz li jittiehdu proceduri dixxiplinari mill-bank intimat fil-konfront tieghu minhabba l-fatti fuq riferiti, din id-decizjoni kienet wahda diskriminatorja;

28. Illi hu komunement risaput li jkun hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti;

29. Illi konsegwentement, biex tirnexxi din l-allegazzjoni r-rikorrenti jinhtieg li jipprova li kollegi tieghu li kienu f'sitwazzjonijiet simili u analogi ghal tieghu, ircevew trattament differenti u ovvjament favorevoli, minn dak riservat u moghti lir-rikorrenti;

30. Illi minn ezami tal-provi prodotti l-ebda sitwazzjoni analoga ma tirrizulta, u konsegwentement, l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni ma tissusstix;

31. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti Civili Prim'Awla** fl-ismijiet **Tarek Mohammed Ibrahim vs. Vici Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja u l-Intern et** datata l-**5 t'April, 2011**, li tghid is-segwenti:

> "Fil-kuntest ta' diskriminazzjoni dak li jrid jigi ppruvat huwa li l-allegat trattament kien differenti minn dak li nghata lil persuni ohra li kienu ta' l-istess deskrizzjoni taghhom. Fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Louis Galea noe et vs Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fit-**22 ta' Jannar 1990 mill-Qorti Kostituzzjonal**i gie ritenut illi l-

paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta' diskriminazzjoni:

> "timporta zewg elementi, u cioe` li l-lanjant ma giex ittrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (*in pari condizione*) gie jew kien gie trattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi ma giex. Fi kliem iehor irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta' cirkostanzi pari".

32. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jaghmel referenza ghall-kaz ta' **Phyllis Bajjada Abram**, (ara foll 405);

33. Illi ghandu jinghad li l-kaz tal-imsemmija Bajjada Abram hu totalment distint minn dak odjern tar-rikorrenti *stante* li dak ezaminat fil-procedura odjerna hu rizultat ta' azzjoni mehuda mir-rikorrenti stess, mentri dak ta' Bajjada Abram jirrizulta li kien kaz ta' *"hold up"*, (ara foll 406);

34. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li d-diskriminazzjoni allegata mir-rikorrenti fir-rigward ma tirrizultax;

Ikkunsidrat:

35. Illi l-bank intimat jirrifjuta bil-qawwa li kellu xi intenzjoni li jkecci lir-rikorrenti, (ara foll 545);

36. Illi *di piu`*, l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-bank intimat ried ikeccih ma ssib l-ebda sostenn oggettiv mill-provi prodotti;

37. Illi aktar minn hekk jirrizulta li permezz t'ittra datata t-22 ta' Frar, 2017, l-istess bank intimat kien anke talab lir-rikorrenti biex jirritorna lura ghax-xoghol fil-5 ta' Lulju, 2016, bi promemorja fir-rigward datata t-30 ta' Novembru, 2016, (ara foll 525);

38. Illi r-rizultanzi fuq elenkati ghalhekk jimmilitaw kontra l-allegazzjoni tar-rikorrenti f'dan ir-rigward;

Ikkunsidrat:

39.0. Illi fir-rigward tal-protest gudizzjarju intavolat fit-13 ta' Novembru, 2012, minn certu Noel Gauci fil-konfront tal-istess bank intimat li permezz tieghu zamm lill-imsemmi bank responsabbli ghal kwalunkwe dannu rizultanti minn telf tal-informazzjoni tieghu, (ara foll 85), jinghad sintetikament is-segwenti:

39.1. Illi l-istess Gauci iccara l-posizzjoni tieghu lill-bank intimat;

39.2. Illi din l-ispjegazzjoni giet meqjusa plawsibbli mill-istess bank;

39.3. Illi sussegwentement l-istes spjegazzjoni kienet accettata mill-bank *de quo*, (ara foll 546 u 547);

Ikkunsidrat:

40.0. Illi fir-rigward tal-komposizzjoni tal-Bord ta' dixxiplina mahtur mill-bank intimat biex jezamina l-agir tar-rikorrenti, jinghad sintetikament is-segwenti:

40.1. Illi rapport tal-incident in dizamina datat il-31 t'Ottubru, 2012, gie redatt mill-persuna responsabbli mid-Dipartiment tal-bank *de quo* li jmexxi s-*Security and Fraud Risk Department"*, (ara foll 388);

40.2. Illi sussegwentement l-istess Dipartiment ipprezenta rapport iehor fir-rigward datat it-30 t'April, 2013, (ara foll 265);

40.3. Illi in vista tal-istess il-kap tad-Dipartiment tar-Rizorsi Umani tal-bank intimat hareg akkuza datata it-2 ta' Novembru, 2012, fil-konfront tar-rikorrenti, (ara foll 96 u 341);

41. Illi jirrizulta li l-passi mehuda mill-bank intimat fuq elenkati kollha ittiehdu a bazi tal-ftehim kollettiv tas-settur in dizamina;

42. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll li wiehed mill-membri appuntati fil-bord ta' dixxiplina in dizamina effettivament kien nominat mill-istess *"MUBE"* li taghha r-rikorrenti hu membru, (ara foll 345);

Ikkunsidrat:

43. Illi finalment issir referenza ghall-ftehim kollettiv bejn il-bank intimat u l-*"MUBE"* datat il-15 t'April, 2013, (ara foll 400);

44. Illi f'dan ir-rigward jidher li l-bank *de quo* innegozja mal-*union* in dizamina biex ibiddel il-kundizzjonijiet specifici tax-xoghol partikolari ezegwit mill-*"private clients managers"*, liema grad hu wkoll dak okkupat mir-rikorrenti, biex dan ikun konformi mad-direttivi tal-Unjoni Ewropeja;

45. Illi sussegwentement ghat-tibdil milhuq fil-ftehim fuq riferit, ir-rikorrenti ma setghax jibqa' jinsisti li jibqa' fi grad li ma kienx ghadu aktar jezisti;

46. Illi jirrizulta li r-rikorrenti ippercepixxa s-somma ta' mija u tmint elef euro, (€108,000.00), bhala *"contract buyout"* mill-kuntratt precedenti in linea mal-istess ftehim settorjali fuq riferit, (ara foll 402);

47. Illi konsegwenza tal-istess, ir-rikorrenti ma jistax jippretendi li l-bank intimat issa jdahhlu lura ghax-xoghol fi grad li kien jokkupa qabel il-ftehim tal-"*buyout*" fuq riferit;

Ikkunsidrat:

48. Illi in vista tal-premess jirrizulta li fl-operat tieghu l-bank intimat ma jirrizulta li ghamel xejn irregolari jew diskriminatorju fil-proceduri dixxiplinari li intraprenda fil-konfront tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

49.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

49.1. Takkolji r-risposti tal-bank intimat;

49.2. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

49.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**